*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,565, 2 ta' Frar, 2021*
*Taqsima C*

# Nru. 190

2. 2. 2021

# MALTA

KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Byron Camilleri, M.P., Ministru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tal-1 ta' Diċembru 2020.

**ATT sabiex jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, Kap. 77.**

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Byron Camilleri, M.P., Minister for Home Affairs, National Security and Law Enforcement, and read the First time at the Sitting of the 1st December 2020.

**AN ACT to amend the Conduct Certificates Ordinance, Cap. 77.**

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

**ABBOZZ TA' LIĠI**
**msejjaħ**

*ATT sabiex jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, Kap. 77.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2021 li jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Ordinanza prinċipali". Titolu fil-qosor. Kap. 77.

**2.** Is-subartikolu (4) tal-artikolu 3 tal-Ordinanza prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej: Emenda tal-artikolu 3 tal-ordinanza prinċipali.

"(4) It-talba magħmula skont is-subartikolu (3) għandha tkun marbuta:

(a) mar-reklutaġġ jew kontinwità tal-impjieg ta' persuna bħala impjegat; jew

(b) mal-ħruġ jew tiġdid ta' liċenzja jew permess; jew

(ċ) mal-applikazzjoni għal permess ta' residenza jew applikazzjoni għaċ-ċittadinanza Maltija sottomessa skont id-dispożizzjonijiet tal-Att
Kap. 188. dwar iċ-Ċittadinanza Maltija.".

**3.** Ir-Raba' Skeda li tinsab mal-Ordinanza għandha tiġi emendata kif ġej: Emenda tar-Raba' Skeda li tinsab mal-ordinanza prinċipali.

(a) fit-titolu tagħha, il-kliem "Artikolu 3(2)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Artikolu 3(3)"; u

(b) minnufih wara l-partita "Il-Kummissarju għall-

Organizzazzjonijet Volontarji." għandha tiżdied il-partita ġdida li ġejja:

"Agenzija Komunità Malta.".

---

**Għanijiet u Raġunijiet**

L-għanijiet u r-raġunijiet ta’ dan l-Abbozz ta’ Liġi huma sabiex jipprovdu lill-Aġenzija Komunità Malta aċċess għar-reġistru sħiħ tal-kundanni kriminali mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

**A BILL**
**entitled**

*AN ACT to amend the Conduct Certificates Ordinance, Cap 77.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:-

**1.** The short title of this Act is the Conduct Certificates Ordinance (Amendment) Act, 2021 and this Act shall be read and construed as one with the Conduct Certificates Ordinance, hereinafter referred to as "the principal Ordinance". Short title. Cap. 77.

**2.** Sub-article (4) of article 3 of the principal Ordinance shall be substituted by the following new sub-article: Amendment of article 3 of the principal ordinance.

"(4) The request made in accordance with sub-article (3) shall be connected with:

(a) the recruitment or continued employment of a person as an employee; or

(b) the issue or renewal of a licence or permit; or

(c) an application for a residence permit or an application for Maltese citizenship submitted in accordance with the provisions of the Maltese Citizenship Act.". Cap. 188.

**3.** (1) The Fourth Schedule to the principal ordinance shall be amended as follows: Amendment of the Fourth Schedule to the principal ordinance.

(a) in the title thereof, the words "Article 3(2)" shall be substituted by the words "Article 3(3)"; and

(b) immediately after the item "The Commissioner for Voluntary Organisations", there shall be added the following new item:

"The Community Malta Agency.".

---

**Objects and Reasons**

The objects and reasons of this Bill are to enable the Community Malta Agency to have access to complete record of criminal convictions.

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta —** ***Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC —** ***Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper***

**Prezz/*Price***
**€0.36**